MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 211/2013

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Ivan Camenzuli**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fil-15 ta' Dicembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 39476(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ivan Camenzuli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-31 ta' Ottubru 2012, ghal habta ta' 2100 hrs fi Triq Valletta, il-Mosta :-

1. Saq il- vettura bin-numru tar-registrazzjoni IVN 075 b'manjiera perikoluza;

2. Saq jew ipprova isuq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IVN 075 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3. Saq, ipprova jsuq jew kellu il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IVN 075 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ April, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuzi, sabitu hati tal-ewwel (1) akkuza u kkundannatu multa ta’ tmenin (80) euro.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tal-14 ta’ Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi:

a. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-ewwel (1) akkuza u ikkundannatu ghal multa ta' tmenin euro (€80);
b. Tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat mhux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u illiberatu minnhom; u
c. Minflok, issib lill-appellat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali appellanti u cioe':-

Illi fit-2 ta' Mejju 2013, l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) irriteniet illi " .. skont L5 65.16, il-Ligi tehtieg zewg testijiet tan-nifs." u "Peress illi jirrizulta li ttiehed biss kampjun wiehed tan-nifs.", illiberat lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni.

Illi l-esponent jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati kienet hawnhekk ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Illi dan qed jinghad ghaliex l-LS65.16, ossia ir-Regolamenti Dwar it-Testijiet tan-Nifs, jaghmlu distinzjoni cara bejn l-apparat jew strument li jintuza mill-pulizija sabiex jiehdu t-testijiet tan-nifs, meta jitkellmu dwar in-numru ta' drabi li ghandhom jittiehdu testijiet tan-nifs :-

(i) Illi ai termini tar-Regolament 6(1), meta jigi uzat l-istrument muri fit-Tieni Skeda, ossia Lion Intoxilyzer 6000, ghandhom jintalbu zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi;

(ii) Illi pero' ai termini tar-Regolament 7(1), meta jigi uzat l-istrument muri fit-Tielet Skeda, ossia Lion Intoxilyzer 8000, ghandu jintalab kampjun tan-nifs wiehed;

Illi jirrizulta manifestament mill-atti li f'dan il-kaz, l-istrument li ntuza mill-pulizija kien il-Lion Intoxilyzer 8000 u dan bhal ma jirrizulta mir-rapport tal-breathylser test ezebit mill-prosekuzzjoni a fol 3. Illi ghaldaqstant fil-kaz odjern huwa applikabbli r-Regolament 7(1) hawn fuq citat u ghaldaqstant kellu jintalab kampjun tan-nifs wiehed, kif fil-fatt jirrizulta li sar.

Illi fid-dawl ta' dak kollu fuq suespost, l-esponent huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi, li wasslet ghall-liberatorja ngustifikata tal-irnputat appellat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-uniku xhud imressaq mill-prosekuzzjoni f'din il-kawza kien il-Maggur 888 Dunstan Camilleri li kien waqqaf l-appellat waqt li hu

kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni hawn fuq indikat. Hu kien ghadda l-appellat lill-WPS 242 Rodianne Ghirxi li haditu l-ghassa tal-Mosta. Hemmhekk, sar it-test relattiv ghall-konsum tal-alkohol mill-appellat. Illi r-rizultat kien wiehed pozittiv ta' 083mg/100ml. Ta' dan hemm l-affidavit ta' WPS242 Rodianne Ghirxi u gie ezebit ir-rizultat tat-test. L-apparat uzat hu l-Lion Intoxilyzer 8000. Skont il-LS65.16 - Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs, kampjun wiehed hu bizzejjed meta jintuza it-tip ta' apparat hawn fuq imsemmi.

Illi l-abbli difensur tal-appellat sahaq li f'dawn ic-cirkostanzi, specjalment meta x-xhieda fil-prim' istanza ma tkunx traskritta ma kellhux l-opportunita' li jaghmel id-domandi kollha specjalment dawk li jirrigwardaw l-efficenza o meno tal-apparat uzat. Skont il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April, 2013 il-prosekuzzjoni pprezentat il-breathalayzer report biss. Ma dan kollu jirrizulta mill-atti li hemm l-affidavit ta' WPS242 Rodianne Ghirxi, il-persuna li ezegwit it-test. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li hi ma gietx imsejha biex jixhed la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza, li kellha d-dritt titlob il-kontro-ezami taghha. Din ix-xhud lanqas ma giet mitluba toffri x-xhieda taghha quddiem din il-Qorti.

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali jdur mal-fatt li test wiehed hu bizzejjed la ntuza dan it-tip ta' apparat. Dan it-tip ta' apparat intuza ghaliex il-'Breath Alcohol Test Record' jindika dan. Din il-Qorti ma ghandha ebda prova in atti li jindka li ntuza xi apparat iehor u ghalhekk hu car li l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u gie kkundannata li jhallas multa ta' tmenin euro (€80). Thassar u tirrevoka s-sentenza apppellata fejn l-appellat instab mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u minflok issib lill-appellata hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 15A, 15B, 15C, 15E(1)(a) u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 7 u it-Tielet Skeda tal-LS65.16 u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn euro(€1,200) u tissospendi kull licenzja tas-sewqan ta' Ivan Camenzuli ghal perjodu ta' sitt xhur liema perjodu jibda jiddekorri minn ghada 2 ta' April, 2014 f'nofs in-nhar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------